

**RAPPORT TA' VALUTAZZJONI PUBBLIKA EWROPEA (EPAR)****NEOSPECT****Sommarju ta' l-EPAR għall-pubbliku**

Dan id-dokument huwa sommarju tar-Rapport ta' Valutazzjoni Pubblika Ewropea (EPAR). Huwa jiispjega kif il-Kumitat għal Prodotti Mediċinali għall-Użu mill-Bniedem (CHMP) ivvaluta l-istudji mwettqin, biex jissodisa ir-rakkomandazzjonijiet tagħhom dwar kif tintuża l-mediċina. Jekk teħtieġ iktar tagħrif dwar il-kundizzjoni medika jew it-trattament tiegħek, aqra l-Fuljett ta' Tagħrif (li hu wkoll parti mill-EPAR) jew kellem lit-tabib jew spiżjar tiegħek. Jekk trid aktar informazzjoni abbażi tar-rakkomandazzjonijiet ta' CHMP, aqra d-Diskussjoni Xjentifika (ukoll parti mill-EPAR).

**X'inhu NeoSpect?**

NeoSpect huwa kitt għall-preparazzjoni ta' mediċina radjutikkettjata. NeoSpect jinkludi trab abjad għat-taħlil għal injezzjoni, li fih is-sustanza attiva depreotide.

**Għal xiex jintuża NeoSpect?**

NeoSpect ma jintużax waħdu, iżda jrid ikun radjutikkettjat qabel jintuża. Radjutikkettjar hija teknika fejn sustanza hija miżjudha (imlaqqma) b'tħalli radjuattiva. NeoSpect huwa radjutikkettjat billi jitħallat ma' soluzzjoni ta' technetium radjuattiv ( $^{99m}\text{Tc}$ ).

Il-mediċina radjutikkettjata tintuża għal skopijiet dijanostiċi. NeoSpect jintuża fuq pazjenti li għandhom nefħa pulmonari (ferita tonda żgħira, fil-pulmuni) osservata permezz ta' X-ray tas-sider jew permezz ta' sken temografiku kompjuterizzat (CT) sabiex jaraw jekk in-neħħa hijiex malinna (kanċeruża).

Il-mediċina tista' tinkiseb biss b'rċetta ta' tabib.

**Kif jintuża NeoSpect?**

NeoSpect huwa immanigġi u jingħata biss minn personal speċjalizzat li għandu esperjenza fl-immaniġġjar bla periklu ta' materjal radjuattiv. Malli jkun magħmul f'soluzzjoni radjutikkettjata, NeoSpect jingħata permezz ta' injezzjoni ġol-vini (ġo vina), u jittieħed sken bejn sagħtejn u erba' sīgħat wara l-injezzjoni. Normalment m'għandux jintuża f'iktar minn okkażjoni waħda fuq l-istess pazjent.

**Kif jaħdem NeoSpect?**

Is-sustanza attiva f'NeoSpect, depreotide, hija analoga għal somatostatin. Dan ifisser li tagħixxi bħal somatostatin, u tingħaqad ma' l-istess receptors fil-ġisem bħal somatostatin. Dawn ir-receptors jinsabu fi kwantità fuq tumuri malinni bħal tumuri fil-pulmun. Meta NeoSpect jiġi radjutikkettjat, l-element radjuattiv technetium-99m ( $^{99m}\text{Tc}$ ) jingħaqad ma' depreotide. Billi depreotide jingħaqad mar-receptors, din iġġorr ir-radjuattivit magħha u din tista' tiġi nnutata billi jintuża apparat speċjali għall-imaging bħal sintigrafija jew tomografija komputata ta' emissjoni ta' foton waħda (**scintigraphy** jew **single photon emission computed tomography**) (SPECT). Jekk in-neħħa pulmonari solitarja tiġi ttiketatta b'NeoSpect, il-probabbiltà hija li din tkun malinna. Jekk le, allura l-probabbiltà hi li din tkun beninna (mhux malinna).

## **Kif ġie studjat NeoSpect?**

NeoSpect ġie studjat f'żewġ proċessi prinċipali li involvew 258 pazjent suspetatti b'kanċer fil-pulmun. Il-pazjenti għaddew minn X-ray tas-sider jew CT scan kif ukoll minn SPECT scan bl-użu ta' NeoSpect radjutikkettjat. Ir-riżultat tan-NeoSpect scan tqabbel mad-dijanjożi attwali, ibbażata fuq l-istoloġija tan-neħħa (meta t-tessut tan-neħħa jiġi analizzat taħt il-mikroskopju wara li tneħħha permezz ta' operazzjoni). Il-kejl ewljeni ta' l-effikaċċja kienet il-preċiżjoni tad-dijanjożi ta' tumur malinn (pożittiv) jew tumur beninn (negattiv).

## **X'kienu l-benefiċċji ta' NeoSpect nnutati waqt l-istudji?**

Ir-riżultat ta' NeoSpect scan kien jaqbel mar-riżultat miksub mill-istoloġija f'madwar 80 u 90% tal-każi. Iż-żieda ta' NeoSpect scan ma' ma' CT scan żdiedet l-ispeċifiċità ta' l-isken, u dan jagħmilha ehfek għat-tabib sabiex jidheri nefħa bħala waħda malinna.

## **X'inhu r-riskju assoċċjat ma' NeoSpect?**

L-effetti sekondarji f'NeoSpect m'humiex komuni, iżda l-aktar komuni (innutati f'bejn 1 u 10 pazjenti minn 1000) huma uġiġi ta' ras, nawsja (thossock ma tiflaħx), rimettar, dijarea, uġiġi addominali (żaqqa), sturdament, fawra u għeja kbira (għeja).

NeoSpect m'għandux jintuża fuq nies li huma sensittivi żżejjed (allerġiċi) għal depreotide, sodium pertechnetate jew għal xi sustanza oħra tiegħu. NeoSpect m'għandux jintuża fuq nisa tħal qed ireddgħu.

## **Għalfejn ġie approvat NeoSpect?**

Il-Kumitat għall-Prodotti Mediċinali għall-Użu mill-Bniedem (CHMP) iddeċieda li l-benefiċċji ta' NeoSpect huma akbar mir-riskji tiegħu bħala *scintigraphic imaging* ta' tumuri malinni fil-pulmun wara s-sejba inizjali, flimkien ma' CT scan jew X-ray tas-sider, f'pazjenti b'neħfiet pulmonari solitarji. Il-Kumitat irrakkomanda li NeoSpect jingħata l-awtorizzazzjoni għat-tqegħid fis-suq.

## **Tagħrif ieħor dwar NeoSpect:**

Il-Kummissjoni Ewropea tat-awtorizzazzjoni għat-tqegħid fis-suq valida madwar l-Unjoni Ewropea kollha għal Neospect fid-29 ta' Novembru 2000. L-awtorizzazzjoni għat-tqegħid fis-suq ġiet imġedda fid-29 ta' Novembru 2005. Id-detentur ta' l-awtorizzazzjoni għat-tqegħid fis-suq huwa CIS bio international.

L-EPAR shiħi għal NeoSpect jista' jinkiseb minn [hawnhekk](#).

Dan is-sommarju ġie aġġornat l-aħħar f'09-2007.